Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 11 – It-Tlieta 22 ta' April 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 22 ta' April 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**11.1 Talba**

11.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

**11.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

11.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal attivitajiet li saru matul il-Ġimgħa Imqaddsa fosthom il-wirja 'Sitio', 'Easter Egg Hunt', Kunċert Mużika-Letterarja tal-Alljievi tal-Banda San Ġużepp u l-Kunċert ta' Monsterrat Marti Caballe li saru bil-kollaborazzjoni u sapport

tal-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u kien hemm parteċipazzjoni tajba ħafna. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'xi spejjes sabiex jittella' dan il-Kuncert għal massimu ta' €300.

11.4.2 Ġejna infurmati li ħaddiem li jaħdem fl-iskema Community Work Scheme li preżentament jaħdem mal-Kunsill se jiġi trasferit. Fil-preżent dan qed jieħu ħsieb it-tbattil tal-bins. It-truck tiegħu kien wkoll reġistrat mal-Wastserv sabiex ikun jista jarmi. Qed jiġi identifikat kif jista dan ix-xogħol jitqassam bejn il-ħaddiema l-oħra mingħajr ma' jonqos ix-xogħol ta' manutenzjoni. Saret talba wkoll mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal- boroż ħodor sabiex jitpoġġew fil-bins u ikun aktar faċli li jittieħdu il-Wastserv. Il-Ministeru kkonfermawlna li ser jagħtuna pakkett fix-xahar.

11.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi ħabbar li fil-jiem li ġejjin se jiġu installati is-CCTVs fi Pjazza Tolfa, kif ukoll quddiem iċ-Ċimiterju filwaqt li se tiżdied camera mal-ufficju tal- Kunsill għal fuq il-ġnien il-ġdid ta' quddiem l-iskola.

11.4.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Kunsill applika mad-Direttorat tal-Kultura fi' ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għall-finanzjament ta' tlett attivitajiet tas-sajf – 'Echoes from the Sea', GħajnsielemFest u Cocomelon Night.

11.4.5 Is-Sindku rrefera għat-truck tal-Kunsill li sfortunatament ilu wieqaf għal diversi ġranet għaliex inħarqitlu ic-'charger'. Din il-'part' tiswa madwar €1200 minbarra il-'labour'. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ tender għal tipper ġdid b'dimensjoni simili għal dak eżistenti u jkun suġġett li jinxtara għal akkwist ta' fondi. Dan sabiex ma' jintilifx aktar żmien. Ġie maqbul li dan it-truck għandu jerġa jkun EV sabiex nibgħatu messaġġ ambjentali u nkunu ta' eżempju għal entitatjiet oħra. Rigward it-truck preżenti sar qbil li għandna nsewwuh għall-aħħar darba.

**11.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

11.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-komunikazzjoni li għaddejja bejn Għajnsielem u Sixmilebridge fl-Irlanda. Huwa spjega li dawn talbuna nibgħatu xi applikazzjoni għall-aktar informazzjoni u bgħatnihilhom lura u sar qbil li nistiednu delegazzjoni żgħira minn tagħhom biex nibdew id-diskussjonijiet.

11.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal plastic tat-triq tax-Xatt l-Aħmar peress li kollu qed jinqala. Is-Sindku wieġbu li peress li din it-triq saret minn fondi tal-Unjoni Ewropea jinħtieġ li jgħaddu ħames snin minn meta għamilniha biex inkunu nistgħu nagħmlu xi modifications fuqha. Fil-fatt applikajna għal permess tal-ERA u akkwistajih u ser issir daqt mill-ħaddiema tagħna qabel ma jibda s-sajf.

11.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza wkoll għall-istat ħażin li tinsab fih Triq Baħħara. Is-Sindku wieġbu li qed naħdmu mad-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex isir tqaxxir u tingħata ftit konkos jew titgħadda bir-romblu.

11.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall -Scooter aħmar li jinsab abbandunat biex jiċċekja hux proprjeta tal-Kunsill b'leasing. Sar qbil li għandna nivverifikaw u jekk inhu l-każ nikkuntatjaw lis-sid.

11.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex nibnu ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' f' Ta Lourdes.

11.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li għandha tinżamm Team Building session bejn il-kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill.

11.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa jekk hix ser tinżamm attivita għall-anzjani fl okkażżjoni ta' Jum l-Omm. Ġie kkonfermat li l-ħarġa għall-anzjani ser issir nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju u ser tinżamm f'Għajnsielem stess.

11.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex f'Mejju norganizzaw Book Sale b'risq l-animal welfare. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

11.5.9 Il-Viċi Sindku Joe Debono irringrazzja lis-Sindku li ħa ħsieb jikkontrolla l-parkeġġ tal-buses li kien qed isir fi Triq ix-Xatt għax ma għadhomx jipparkjaw hemm.

11.5.10 Il-Viċi Sindku Joe Debono talab sabiex jiġu ntrodotti xi Pots bil-fjuri fuq il-Belvedere ta' Triq Hamri fil-parti ta' fuq.

11.5.11Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-ilmenti li qed ikun hawn fuq il-knis. Is-Sindku spjega li issa li ser jinħareġ il-kuntratt il-ġdid nagħfsu aktar fuq ir-rotot u l-frekwenza.

**11.6 Korrispondenza**

11.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza importanti x'tiġi diskussa.

**11.7 Update dwar il-Proġetti**

11.7.1 **Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif il-Kummissjoni tal-Arti Sagra għamlet kuntatt mal-Perit sabiex jibgħat aktar informazzjoni filwaqt li jikkunsidra l-possibilta ta' 'water feature' f'parti minn dan l-ispazju miftuħ. Dan sar u l-informazzjoni intbgħatet ftit tal-ġranet ilu. Kif jkollna l-approvazzjoni, ssir l-applikazzjoni ma' l-Aworita tal-Ippjanar. Saret referenza wkoll għal-laqgħa li nżammet fuq il-post flimkien mal-Perit tal-proġett u membru mill-Għaqda Armar, ġie kkonfermat li l-pedestalli jiccaqalqu b'pied biex ikun hemm il-kumdita'.

11.7.2 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni sajf. Ix-xogħol mistenna li jsir fil-bidu tas-sajf.

**11.7.3 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda qabel is-sajf
- Sar qbil li jinbidlu il-bollards minħabba ir-riskju li t-tappieri jkunu jħabbtu u minflok isiru barriers sbieħ bir-reflectors, roti u kkuluriti li jkunu apposta tal-post.

**11.7.4 Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Inħarġet RFQ għax-xiri tal-'book-benches' li żgur se jkunu ta' attrazzjoni u jikkumplimentaw dan il-proġett.
- Se jitħawwlu hedges li se jkomplu jsebbħu dan il-ġnien
- Qed nistennew li jsir l-irrigation sabiex il-proġett ikun komplut.

**11.7.5 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Qed jsiru l-applikazzjonijiet u l-permesssi meħtieġa mal-BCA u trenching u se nagħmlu insurance garanzija bankarja hekk kif rikjesti.
- Tlesta survey wkoll tal-post
- Il-mira hi li jkun l-lest sal-aħħar tas-sena.

**11.7.6 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Tkomplew jsiru laqgħat kull nhar ta' ġimgħa bejn Kunsill, kuntrattur u perit kif wkoll mal-ġardinar tal-kuntrattur sabiex is-siġar jiġu ssalvalgwardjati waqt ix-xogħol.
- Qed nistennew stimi tal-insurance sabiex issir garanzija u jinħareġ il-permess mill-BCA sabiex ix-xogħol ikun jista jibda.
- Sadanitant il-ħaddiema tal-Kunsill komplew jħottu l-equipment u tapiti.

**11.7.7 Bini Arkata**

- It-tender dwar il-bini tal-arkata storika kien ppublikat u kien hemm offerta waħda li qed tiġi evalwata mill-bord.

**11.7.8 Tisqifa daħla tal-Iskola u tkabbir tat-terrazin**

- Il-Perit ser japplika skond il-pjanti li ġew diskussi fil-Laqgħa Kunsill
- Se jingħaqad it-terrazzin tas-Sala tal-Kunsill mat-terrazin tal-Librerija u daħla skola

### 11.7.9 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija**

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

### 11.7.10 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif jitqassam ix-xogħol marbut ma' dan il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għadna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skema tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.
- Sar qbil mal-artist Rudolph Cauchi u għandu jibda ir-restawr tal-monument tal-Vittimi tal-Gwerra kif maqbul fil-laqgħat preċedenti f'Mejju.

### 11.7.11 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Il-Perit lesta il-method statement u speċifikazzjonijiet għal ħruġ tat-tender.
- Dawn inbgħatu lil Kurja sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom. Ftit tal-ġranet ilu il-Kurja bgħatu xi punti li xtaqtu li jiżdiedu u dawn se jkunu qed jiġu inkorporati mal-pubblikazzjoni tat-tender.
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

### 11.7.12 **Tisbiħ tat-taraġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Johnatan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 u jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta li dan il-proġett jikkwalifika.

## 11.8 Rapprezentazzjoni tal-Kunsill fuq il-Bordijiet tal-Ippjanar tal-Applikazzjonijiet Numru -Bordijiet tal-Ippjanar tal-Applikazzjonijiet Numru PA 3966/19 u PA 4777/20

11.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma lill-kunsilliera li l-Kunsill Lokali ser ikollu l-vot tiegħu fil-Bordijiet tal-Ippjanar tal-Applikazzjonijiet fuq l-applikazzjonijiet numru:

PA 3966/19 - *To upgrade existing concrete batching plant facility (Class 5B) approved in PA2443/14 by relocating the facility to adjacent site beneath existing site levels - upgrading to consist of additional ancillary offices and underground ancillary parking. Site at, Triq il-Qala, Ghajnsielem.*

PA 4777/20 - *Proposed demolition of existing hotel at San Niklaw Bay and existing bungalows at Santa Marija Bay. The proposed development consists of part excavation and the construction of Class 3B hotel (140 beds) at San Niklaw Bay area and individual serviced bungalows (16 units) at Santa Marija Bay area with ancillary facilities and amenities including*

*spa (class 3C), bars/lounges (Class 4C) and restaurants (Class 4D), upgrading the existing berthing facilities; construction of swimming pools; reservoirs; complete upgrade of the infrastructure systems and back of house facilities. Upgrading and reinstatement of the natural ecological and existing disturbed terrain in both San Niklaw and Santa Marija areas in accordance with the Gozo and Comino Local Plan. Site at Comino Hotel and Bungalows, Gzira ta' Kemmuna, Kemmuna, Ghajnsielem.*

11.8.2 L-ewwel laqgħa saret b'mod virtwali ma' Hili Ventures Hospitality, l-applikanti tal-proġett tal-lukanda u bungalows ta' kemmuna (PA 4777/20). Is-Sindku Kevin Cauchi rringrazzja lill iżviluppturi talli laqgħu t-talba tagħna u jagħtuna preżentazzjoni ta' l-aħħar pjanti sottomessi inkluż tibdiliet li saru mill-pjanta oriġinali.

11.8.3 Saret preżentazzjoni mill-Perit tal-Proġett is-Sur Antonio Belvedere.

11.8.4 Is-Sindku Kevin Cauchi staqsa dwar l-użu tal-bungalows jekk hux ser ikunu bħala parti mil-lukanda, kiri fit-tul jew għall-bejgħ, u staqsa wkoll dwar xi pjanijiet għandhom għal Waste Management inkluż it-tisfija tad-drenaġġ.

11.8.5 Il-Perit irrisponda li l-Bungalows ser jinkrew bħal kull kamra oħra tal-hotel u li għalkemm huwa ddisinjat bħala villaġġ ser ikun operat taħt liċenzja waħda ta' hotel. Huma spjegaw kif ser jibdlu s-sistema eżistenti tad-drenaġġ u jagħmlu Waste Water Treating Plant għall-gżira ta' Kemuna kollha. Bħala management tal-iskart ser isir permezz ta' waste sorting u separazzjoni anke b'metodi naturali bħal composting. Minn naħa tal-iżviluppaturi ġie kkonfermat li kemm il-bajja ta' Santa Maria u dik ta' San Niklaw ser jibqgħu pubbliċi.

11.8.6 Laqgħa oħra dwar din l-applikazzjoni (PA 4777/20) saret ma' rappreżentanti minn NGOs li kienu qed jopponu dan l-iżvilupp. Il-laqgħa saret b'mod virtwali u preżenti kien hemm is-Sur Patrick Callejja u Daniel Cilia f'isem Din l-Art Ħelwa. Dawn spjegaw il-koncern tagħhom li minkejja li naqqsu l-ammont ta' villel bi tlieta, xorta qed jiksru l-Pjanijiet tal-Local Plan specjalment għal fatt li l-applikazzjoni tinkludi aktar minn erbgħin swimming pool li zgur ma humiex meħtiega bi ftit metri l-bogħod mill-baħar u x'ħin tikkunsidra l-manutenzjoni tagħhom, kimika, light pollution li jitfgħu, pompi, eċċ. Huma wrew ukoll it-tħassib tagħhom li s-sewage treatment plan tneħħa minn fuq l-applikazzjoni tagħhom. Is-sewage plant neħħewh mill-project description u minflok kitbu li qed jistennew li jsir minn terzi bħal Enemalta/WSC. Din l-Art Ħelwa qalet li Kemmuna mhix qed tigi trattata bħala sit ta' Natura 2000 filwaqt li urew it-tħassib dwar id-densita tal-proġett. Il-biża tagħhom hu li dan il-proġett jinbidel f'villaġġ bin-neċessitajiet kollha tiegħu bħalma huma aktar dgħajjes, servizzi ecc. Mill-pjanti jidher li l-bungalows aktar qed jiġu pjanati bħala residenzjali milli holiday homes b'mod partikolari għal kobor tagħhom u anke kantini taħt l-art li żgur mhumiex meħtieġa għal postijiet ta' akkomodazzjoni. Dan kollu jfisser wkoll ħafna tqattigħ ta' blat żejjed.

11.8.8 Kunsill għadda għad-diskussjoni tiegħu. Kien hemm qbil ġenerali li filwaqt li l-Kunsill fil-prinċipju jaqbel li l-lukanda għanda bżonn investiment xieraq sabiex tattira turiżmu ta' kwalita, u minkejja li hemm ħafna affarijiet pożittivi fil-proġett inkluż id-disinn aestetiku, xorta mhux komdu jivvuta favur dan il-proġett ta' dan il-kobor u densita

f'sit ta' Natura 2000. Il-Kunsill qabel li bħala pożizzjoni għandu jaddotta li huwa kontra dan il-permess.

11.8.9 Ġiet diskussa wkoll l-applikazzjoni PA 3966/19- tal-Impjant fi Triq il-Qala, Għajnsielem. Saret referenza għall-ilmenti li l-Kunsill rċieva matul is-snin kemm mir-residenti tal-viċinanzi u anke minn diversi residenti oħra minn Għajnsielem kollu. Il-Kunsill qabel li l-proġett, jekk isir kif inhu ippreżentat fuq il-pjanti għandu jkun aħjar sabiex jitnaqqas l-eyesore li fih il-post preżentament. Iżda minn naħa l-oħra l-Kunsill jifhem u jissipmtaizza mar-residenti fit-tħassib tagħhom dwar il-ħsejjes, trabijiet u l-fatt li se jkun biss madwar 150 metru il-bogħod miż-żona residenzjali. Il-Kunsill qabel li peress li l-Bord tal-Għażla ta' din l-applikazzjoni ser issir nhar il-Hamis 8 ta' Mejju, għandna nieħdu deċizzjoni fuq dan il-vot fil-laqgħa li jmiss filwaqt li l-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu b'mod virtwali għal information meeting li se jsir mill-Awtorita tal-Ippjanar nhar il-Hamis 24 t'April fid-9.30am sabiex jingħataw aktar informazzjoni dar dan l-iżvilupp.

**11.9 Hruġ ta' tenders u ħatriet ta' bordijiet għall-evalwazzjoni tagħhom**

11.9.1 Saret referenza għall-offerta tax-xogħolijiet tal-Arkata. Intefgħet offerta waħda biss u ġiet evalwata bħala korretta mill-Evaluation Board. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-Letter of Award u eventwalment bl-iffirmar tal-kuntratt.

11.9.2 Ġew approvati li jinħarġu dawn l-offerti għall-pubbliku:-

11.9.3 GHJN/2/2025 - Book Bench għall-proġett ta' quddiem l-iskola.

11.9.4 GHJN/03/2025 Tender tal-knis ta' toroq urbani peress li t-tender attwali skada.

11.9.5 GHJN/04/2025 - Tender għall-electric Tipper Vehicle li jkun suġġett għall-fondi ta' Skema tad-DLG, liema skema tagħlaq f' Lulju biex jekk nikkwalifikaw għall-fondi jkollna t-tender lest. Sar qbil li t-tender għandu joħroġ għal- tipper jitla' u battery aktar b'saħħitha minn dak tat-truck eżistenti. Is-Sindku għamel referenza għall-ħsara li ġarrab l-electric truck tal-Kunsill peress li nħaraq ic-charger u t-tiswija tiegħu hija madwar €1500. Il-Kunsill qabel li għandna nirrangawh għall-aħħar darba.

11.9.6 GHJN/05/2025 - Tender għas-servizz ta' Bulky Refuse

11.9.7 Stima ta' kirja ta' għalqa għal storage temporanju. Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif hekk kif il-Kunsill qed jżarma l-bankijiet, railings, madum u equipment mill-Playingfield Amabile Cauchi, inħolqot problema kbira ta' fejn se jipoġġew dawn l-affarijiet. Sal-ġurnata preżenti kienu qed jitppoġew f'Ta' Passi maġemb l-'arena' tar-Rumani iżda ma' jagħmlilx sens jitpoġġew aktar affarijiet hemmekk għaliex hemm riskju li l-għalqa tispiċċa 'eyesore' għal kull min jiffrekwenta dawn l-inħawi speċjalment fil-Milied. Minħabba l-ammont kbir ta' affarijiet li hemm bżonn jiġu maħżuna, ġie deċiż li jinstab sit imdaqqas u alternattiv.

**11.10 Applikazzjoni għall-Ġemelaġġ ma' Loreto**

11.10.1 Is-Sindku spjega kif kien avżat fl-aħħar laqgħa, l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi taħt l-iskema tal-Unjoni Ewropeja 'Town-Twinning' (CERV-2024-CITIZENS-TOWN-TT) ġiet aċċettata. Il-Kunsill se jibda l-proċess ta' applikazzjoni formali għal Ġemelaġġ uffiċjali mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali filwaqt li jsiru diskussjonijiet mal-Għaqda Mużikali San Ġużepp sabiex jitilgħu bħala parti mid-delegazzjoni li ser titla' Loreto għal dan il-programm f'Novembru li ġej. Għada ser ikollna laqgħa mal-Meusac biex niffinalizzaw il-proġett u l-Grant Agreement mal-Europa.

11.10.2 Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu l-programm mal-Comune di Loreto u naraw jekk jaqblux li l-programm isir bejn l-1-4 Novembru 2025.

**11.11 Korsijiet edukattivi għas-sajf**

11.11.1 Sar qbil li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**11.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

11.12.1 Ġiet approvata l-iskeda numru 142 u l-pagamenti ġew approvati.

**11.13 Materji oħra**

11.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**11.14 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju fil-5:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***